**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 1096/2012*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anne Marie Micallef)**

**-vs-**

**John Camilleri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 448351M; u**

**Antonia Camilleri, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 398456M**

**Illum:** 4 ta' Novembru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati John Camilleri u Antonia Camilleri u cioe` talli:

> F' Awwissu u fix-xhur ta' qabel tas-sena 2010, f'dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Approprijaw ruhhom, billi dawwru bi profit ghalihom jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Pace Caterina (I.D.41522M) anzjana ta' 90 sena, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

2. Talli b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Pace Caterina (I.D.41522M)

   Lil John Camilleri Wahdu:

3. Talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal pubbliku ikkommetta reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi;

   Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif tikkontempla fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

[1] Fol.200

Fil-Konfront ta' **John u Antonia Camilleri:**

a) Fl-Artikoli 18, 293 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-Artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-Artikolu 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-Konfront ta' **John Camilleri** wahdu:

a) Fl-Artikoli 18 u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati m'ghandhom l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Illi fl-ewwel lok irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2010 u fix-xhur ta' qabel, l-istess kawza nbdiet fi Frar 2013, u giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament preseduta. L-ewwel udjenza quddiem din il Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fit-12 ta' Dicembru, 2017, wara assenjazzjoni maghmula ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili moqri flimkien mal-Artikolu 520 tal-Kodici Kriminali.
Ikkunsidrat

**WPC51 Louise Grech** xehdet li l-imputat kien membru fil-korp tal-pulizija mill-4 ta' Jannar, 1975, sa meta rtira bl-eta` fl-1 t'April, 2012.[2] Ghalhekk mhemmx dubbju li fiz-zmien tal-akkuzi addebitati lilu John Camilleri kien membru fil-korp tal-pulizija.

L-ufficjal investigattiv **Anne Marie Micallef** spjegat kif saret kwerela minn Katerina Pace (Katerin) dwar approprijazzjoni indebita minn neputi taghha u martu, l-imputati. Pace qalet lill-pulizija li kienet ghaddiet €30,000 lil Antonia wara li l-imputati kienu jinsistu biex din ma zzommx flus kontanti d-dar.[3] *"L-anzjana kienet qaltli li John Camilleri li kien membru fil-korp tal-pulizija kien stressjalha l-fatt li jistghu jidhlu fuqha u jisirquha u rnexxielu jikkonvincieha li tghaddilu dawn il-flus u jigu depositati gewwa kont il-bank. .... minhabba l-fatt li hi ghandha iktar neputijiet, dawn l-ammont ta' flus kienu l-life savings taghha u xtaqet li jigu depositati go kont f'isimha l-bank halli imbghad jigu maqsumin bejn in-neputijiet kollha taghha u ma jkunx hemm preferenzi. Hi qaltilna wkoll illi konsegwentement kienet taf li kellha 3 accounts ohra l-HSBC li kienu ser jimmaturaw u kienet tat ordnijiet lil dan Ganni Camilleri sabiex kif jimmaturaw dawn it-tliet kontijiet jingbidu u jintefghu l-ammont ta' flus ma dawk it-30,000 li kienet talbitu jiddepositalha l-bank sabiex jigu f'account wiehed.*

*Katrina kienet qaltilna wkoll li wara ftit zmien li kienet tat dawn l-istruzzjonijiet lil Ganni kienet mietet ohtha u meta infetah it-testment kienu saru jafu li ohtha kienet halliet kollox lil Ganni. U minhabba dan il-fatt illi kien hemm dan it-tibdil f'dan it-testment u kien thalla kollox lil Ganni, Katrina hasset li ghandha tigbed*

[2] Fol.78 et seq.
[3] Fol.27

*il-flus biex taghmel tajjeb ghal li kienet ghamlet ohtha u tqassam il-flus ugwali lin-neputijiet taghha. Hi qalet li meta marret il-bank sabet lill-bank manager u kien qalilha li account bi 30,000 qatt ma nfetah fuqha u l-ammont ta' 7380 li huma it-tliet accounts li kienu mmaturaw u somma ohra kienu ingibdu bil-prokura li kellu John Camilleri f'isimha. Meta saret taf b'dan kollu Katrina kienet ffaccjat lil John u lill-mara tieghu u kienet talbithom li jaghtuha lura it-30,000 u dawk it-7000 li kienu ngibdu fejn hemm hekk Katrina kienet qaltilna li Ganni kien qalilha li jekk ghandha bzonn xi flus jaghtiha imma dak l-ammont kollu ma kellhiex x'tambieh id-dar. Hi baqghet tinsisti li riedet l-ammont kollu f'idejha fejn f'daqqa wahda skond Katrina kienet inbidlet il-verzjoni u bdew jghidulha li 30,000 qatt ma taghthom u dawk is-7000 li ngibdu minn dawk it-tliet kontijiet, kienu ingibdu bi struzzjonijiet taghha fejn skond huma kienu ghall-fatt li kienu qed jassistuha bhala servigi. Ghall-fatt li Ganni kien qed jorqod maghha u kien hemm bzonn xi manutenzjoni d-dar u kien jaghmilhom. Mentri katrina nnegat dan kollu. Hi qalet li meta kien hemm bzonn li jsiru xi manutenzjonijiet god-dar kienet thallas lil Ganni hi.*

*Konsegwentement ghamilna r-ricerki taghna mal-bank biex nikkonfermaw jekk il-flus hux vera kienu ingibdu kif kienu qalulna Katrina u l-avukata taghha. Fil-fatt jidher li min-naha tal-bank kien hemm l-ammont ta' 6988 Euro li ngibdu minn John Camilleri permezz tal-prokura li kellu fis-16 ta' Lulju 2010 u fl-istess gurnata ngibed l-ammont ta' 392.68 Euro bil-prokura li kellu Ganni Camilleri. Li rrid nghid li <u>l-anzjana qaltilna li ghalkemm Ganni Camilleri kellu l-prokura f'ismu, hi qatt ma taghtu struzzjonijiet biex jaghmel uzu minnha</u> ghall-fatt li hi kienet ghadha kapaci tmur il-bank u taghmel l-affarijiet li kellha bzonn hi. Fil-fatt qabel Ganni Camilleri kien hemm zewg ahwa ohra li kellhom din il-prokura u qatt ma saret uzu minn din il-prokura.".* Wara li sehh dan kollu Pace talbet lill-

imputat jirritorna l-prokura.[4] L-imputati dejjem cahdu li kienu ghaddew lilhom it-€30,000 u sahqu li is-€7,000 (ezattament €6,988.11c) kienet taghthomlhom Pace biex jghadduhom lill-uliedhom. Sar konfront izda kemm Pace kif ukoll l-imputati zammew mal-verzjonijiet precedentement moghtija.

Sussegwentement Pace ghaddiet CD ta' *recording* li hi kienet ghamlet ta' Antoinette. Kien tawha *recorder* u qalulha kif thaddmu. *"Meta smajtu dan ir-recording fih gharaft il-vuci ta' Katrina ghax kont kellimtha kemm-il darba u gharaft ukoll il-vuci ta' Antoinette Camilleri fejn Katrina ssemmilha it-30,000 kemm-il darba u kull darba Antoinette kienet tghidilha, ghalfejn qed tghid lili, itlobhom lil Ganni. U qatt ma kien hemm negazzjoni li dawn it-30,000 m'ghaddewx lilhom"[5].*

L-ispettur esebiet ukoll kopja t'ittra ufficjali datata it-18 ta' Lulju, 2011, li ntbghatet lil John Camilleri li permezz taghha gie nfurmat li l-prokura moghtija lilu kienet qed tigi rtirata b'mod immedjat.[6] Fl-istess ittra gie mitlub jirritorna kull certifikat mediku fil-pussess tieghu kif ukoll is-somma ta' €6,988.11 fejn jinghad li giet migbuda mill-kont bankarju registrat mal-HSBC plc. Giet esebita risposta datata 22 ta' Lulju, 2011, li fiha jinghad li kumpens ma setghax isir peress li dawk il-flejjes kienu jirraprezentaw hlas ghall-servigi rezi mill-imputat lill-zitu kif ukoll kienu jirraprezentaw kumpens ghall-spejjez inkorsi minnu f'isem u ghall-beneficcju ta' zitu. Fiha jinghad li tali pagament sar bil-kunsens u bl-

---

[4] Fol.28-29
[5] Fol.30-31
[6] **Dok.AM4** a fol.39

gharfien shih ta' Pace.[7] Giet esebita wkoll ittra ufficjali datata is-17 t'Awissu, 2011, fejn issa tissemma wkoll is-somma ta' €30,000 li allegatament giet fdata lill-imputata sabiex titpogga' l-bank f'isem il-kwerelanta.

In kontro-ezami Micallef kkonfermat li filwaqt li Camilleri jghid li €7,380 inghataw lilhom bhala servigi, huma nnegaw li qatt hadu it-€30,000. Semmiet li Katerina qalet li hi ma tat xi flus bhala servigi u li kienet ghaddiet it-€30,000 lil Antonia.[8] Wara li kienu ngibdu l-flus minn Camilleri - fl-**unika darba** li dan uza l-prokura - **Pace baqghet tiffrekwenta l-bank u operat il-kont li minn fuqu ingibdu l-flus.**[9] L-ispettur kkonfermat[10] li meta rceviet il-kwerela u cioe` fit-3 t'Awissu, 2012,[11] kienu ghaddew sentejn mid-data ta' meta ngibdu l-flus, u cioe` fis-16 ta' Lulju, 2010.[12]

Pace kienet qalet lill-ispettur li hi ma ndunatx qabel li kienu ngibdu l-flus peress li ghalkemm baqghet tircevi l-*bank statements* ma kienitx tarahom.[13] *"Hi kienet indunat, meta kienet marret il-Bank u staqsiet fuq dawk it-tletin elf (30,000). Kif rat li ma' kienux hemm hekk dawk it-tletin elf (30,000), u mbghad bdiet tara x' hemm u x' m' hemmx. Jigifieri minn hemm kienet indunat. …..Fuq is-sebat elef (7,000), ma' ndunatx…… fuq it-tletin elf (30,000) qatt ma' rceviet, qatt ma' rat xejn. Hi marret fuq it-tletin elf (30,000) ghax hi riedet tigbidhom.*

[7] Fol.38
[8] Fol.224-225
[9] Fol.225
[10] Fol.226
[11] **Dok.AM2** a fol.34
[12] **Dok.AM5** a fol.40
[13] Fol.227

*Dawk it-tletin elf (30,000). ….. hi ma' kienetx qed ticcekkja mal-istatements.".*[14] L-ispettur semmiet kif anke giet mgharfa mill-kwerelanti, u dan jissemma fid-dokument anness mal-kwerela[15] mibghuta ghan-nom taghha,[16] li gie trasferit b'qerq sehem minn propjeta` mobbli a favur ta' John Camilleri meta Pace *"qatt ma tat il-kunsens taghha ghall-ghotja u trasferiment ta' sehemha fil-propjetajiet",*[17] u skond il-kwerelanta *"John Camilleri kien hadha ghand in-Nutar, ma' tafx x'gara u ma' garax, dahluha, ffirmat u telqet il-barra.".*[18] Tkompli li filwaqt li rrizulta li gew migbuda is-€7,000, **dwar it-€30,000 ma rrizulta xejn**.[19] Wara li l-ahwa saru jafu b'dak li kien fih it-testment ta' oht il-kwerelanta, Liza, l-ahwa urtaw rwiehom ghall-fatt li din halliet kollox lil John, *"U Katarina riedet tirranga, kienet qaltli: Jiena rrid nirranga l-hsara li saret fit-testment ta' Eliza, bit-testment taghha.".*[20]

L-ufficjal prosekutur semmiet kif meta tkellmet ma Camilleri dan kien qalilha li **mhux talli zitu taghtu s-€6,988, anzi ghamlet donazzjoni ta' propjeta` favur tieghu** ghalkemm hi ma kienitx tkellmet man-nutara involuti biex tivverifika dwar dan in kwantu l-allegazzjoni kienet tikkoncerna propjeta` differenti u cioe` il-flejjes.[21]Fid-dokumentazzjoni esebita jinghad li l-att ta' donazzjoni sar nhar il-5 ta' Lulju, 2010; dan ifisser li l-att sar **hdax il-jum** biss qabel ma ngibdu il-flus fis-16 ta' Lulju, 2010.

---

[14] Fol.228-229
[15] **Dok.AM3** a fol.36
[16] Fol.34
[17] Fol.37
[18] Fol.237
[19] Fol.240
[20] Fol.244
[21] Fol.231

**Bla dubbju fil-fehma tal-Qorti kien ikun ferm utli li jigu mistharrga l-fatti man-nutara nvoluti peress li kienet l-istess kwerelanta li allegat imgieba qarrieqa da parti tal-imputati; skond hi l-prokura, id-donazzjoni ta' artijiet u t-tehid tal-flejjes kienu kollha saru minn wara daharha! Minn tal-inqas kellu jigi accertat kemm kien minnu li l-prokura innifisha verament saret b'mod qarrieqi tenut kont li serviet bhala ghodda biex ingibdu l-flejjes minn John Camilleri.**

Jigi sottolinejat ukoll li ghalkemm il-kaz in dezamina jirrigwarda biss flejjes u mhux it-trasferiment ta' sehem il-kwerelanta fi propjeta` immobbli, mertu ta kawza civili, <u>il-veracita` o meno</u> ta' din l-allegazzjoni timpingi direttament fuq il-kredibbilita` tal-verzjoni ta' Pace rigward l-akkuzi addebitati lill-imputati dwar il-flejjes. Hu esklussivament ghal dan il-ghan li aktar il-quddiem ser tittiehed konsiderazzjoni tal-allegazzjoni dwar id-donazzjoni li Pace ghamlet lill-imputat.

Dwar il-*bank deposits* li saru ghall-kont tal-imputati permezz ta' *bills payable* mahruga mill-BOV, l-ispettur <u>bl-ebda mod ma tallega li dawn huma it-€30,000 allegatament approprijati indebitament mill-imputati</u>.[22] Tixhed hekk: *"Kien hemm transazzjonijiet ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000) u wahda ta' sitta u ghoxrin elf (€26,000) Ewro. Mela* ***dawn it-transazzjoni wara li ergajt iccekkjajt mal-Bank ukoll, il-hamsa u erbghin elf (45,000) kienu ngibdu minn Antonia Camilleri u gew iddepozitati fil-Valletta Money Fund.*** *Wara li gew iddepozitati fil-Valletta Money Fund,* ***fil-hamsa u ghoxrin***

[22] Fol.246

***ta' Ottubru, two thousand ten (25/10/2010),*** *minn naha ta' Antonia, fil-wiehed u ghoxrin ta' Marzu* *(21/03), ghalqet dan il-Valletta Money Fund. Fil-fatt kienet gabret is-somma ta' hmistax-il elf (15,000) u sitta u ghoxrin elf (26,000) ftit wara. Gibdithom mill-kont tal-BOV u ddepozitathom bhala Bankers draft fil-kont tal-HSBC. Issa, nista nesebixxi wkoll l-istatement li gie riprodott lili minn naha tal-Bank of Valletta. Li kien hemm* ***f' dan l-istatement, hemm depozitu cash ta' tletin elf (30,000), illi dan sar minn naha ta' Antonia Camilleri pero', sar cash****. Imma dan m' ghandniex minn fejn gew il-flus."*[23]

Dan l-istatement izda baqa' ma giex esebit ghalkemm kif jidher mit-traskrizzjoni dan kien f'idejn id-difensur tal-imputati ghall-finijiet tal-kontro-ezami li kien qed jikkonduci[24]. Prezumibbilment dan kellu l-informazzjoni dwar iz-zmien li fih sar dan id-depozitu ta' €30,000 fi flus kontanti fil-kont ta' Antonia Camilleri liema somma, sussegwentement flimkien ma hmistax il-elf ohra, tpoggew fil-Valletta Money Fund fil-25 t'Ottubru, 2010, liema data tmur oltre` dik msemmija fl-akkuzi kif addebitati.

Fil-fatt il-verbal tas-seduta, fejn xehdet l-ispettur u ghamlet riferenza ghal dan id-dokument, ma jaghmel ebda accenn ghal xi dokument esebit minnha.[25] Jibqa' l-fatt li anke kieku dan thalla jigi esebit fi stadju meta l-prosekuzzjoni kienet ghalqet il-provi minn taghha, tali dokument kien jibqa' wiehed minghajr forza probatorja peress li kien jispetta

---

[23] Fol.254

[24] Vide fol.258: *"Dak l-istatement, partikolari li ghandek f'idejk, intalab fil-mori ta' dan id-diferiment...... Dak li ghandek f' idejk."*.

[25] Fol.221; Verbal tal-5 ta' Mejju, 2015 u senjatament dak li fih ghamlet riferenza ghal dan l-istatement nhar it-12 ta' Mejju, 2015 a fol. 249.

rapprezentant tal-bank koncernat jawtentikah billi jikkonfermah bil-gurament. Kien ghalhekk li kellha tingieb l-ahjar prova dwar meta sar id-depozitu inizjali ta' €30,000 fil-kont personali ta' Antonia Camilleri.

Ghalkemm il-Qorti kif diversament preseduta, ghamlet ordni t'ffrizar fil-konfront tal-imputati[26] ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, li bih gie notifikat ir-Registratur tal-Qorti,[27] li ha hsieb il-pubblikazzjoni tal-Ordni t'Iffrizar fil-Gazzetta tal-Gvern,[28]ma jirrizultax li gie prezentat xi elenku tal-assi tal-imputati ai termini tal-istess artiklu.

Dan wassal sabiex din il-Qorti giet prekluza milli tiddetermina meta sar dan id-depozitu inizjali u tant krucjali sabiex tigi determinata l-htija o meno tal-akkuzati! Prova essenzjali tenut kont li jibqa' ma jigix pruvat sal-grad rikjest mill-ligi **z-zmien li fih gew depozitati fil-kont tal-imputata** dawn il-flejjes; zmien li necessarjament kellu jaqa' fil-parametri tal-akkuza u cioe` "*Awissu u fix-xhur ta' qabel tas-sena 2010*".[29] Mix-xhieda tal-ispettur tissemma' biss id-data tal-**25 t'Ottubru, 2010,** meta sar depozitu fil-kont taghha mal-Valletta Money Fund, **data li tmur oltre` id-data tal-akkuzi**!

Il-kwerelanta **Katerina Pace** xehdet kif l-imputata, maghrufa bhala Antoinette u mart Ganni (John Camilleri), kienet tbezzaghha li hi tisfa misruqa "*Kienet tigi imma dejjem tbezzghani li ghad jidhlu u jehdulek kull*

[26] Fol.102
[27] Fol.119-123
[28] Fol.119 et seq.
[29] Fol.1

*m'ghandek u jbezzghuk u hekk.... kienet tghidli li ghad jidhlu u jgerfxulek kull m'hawn u jehdulek kollox u jbezzghuni hekk. Imbghad jiena kelli flus, kont ilni ngemmaghhom tghidx kemm... Kelli 30,000 [ewro] mohbija go kexxun tieghi biex hadd ma jmisshomli.... Dak kont inhit u kelli l-annimali u dejjem nerfaghhom ghal meta forsi xi darba mmur go xi home, ikolli minn fejn inhallas. U hi kienet tbezzghani li ghad jehduhomli u x' naf jiena u imbghad jiena ghidt mela ahjar naghtihomlha u taghmilhomli l-bank.* ***U tajthomlha** **u imbghad wara ftit giet qaltli u kellek 7000 ohra l-bank gbarthomlok mal-ohrajn biex imbghad naghtuk l-imghax taghhom. U l-imghax ma tawhomli qatt.....*** ***tajthomlha biex taghmilhomli l-bank*** ***u hi qaltli imbghad ingibulek l-imghax taghhom. Mhux talli ma gabitlix l-imghax imma talli haditli is-7000 l-ohra".***[30] Is-€7,000 kienu depozitati mal-HSBC f'Haz-Zebbug. Meta marret ticcekja l-bank x'sar mill-flus qalulha *"gie certu Johnny Camilleri u qaxxar kollox. Tieghi u ta' ommu insomma".*[31] Kif saret taf b'dan ikkonfrontat lil Antonia *"Qaltli inti lili ma tajtni xejn. Dawk lil Ganni tajthom. Imbghad jien tlabthom lil Ganni, qalli imma inti kellek bzonnhom dawk? Inti kellek bzonnhom? Ghidtlu iva jiena kelli bzonnhom ghalhekk kont nerfaghhom ghal meta nigi bzonnhom. U qatt ma gabhomli. La lilhom u qas kellu jaghtini imghax ta' flus ohra. Qatt ma taghni xejn.....Seta' [jigbed il-flus] ghaliex* ***ghamilli karta meta mort naghmel it-testment u qarraq bija,*** *hallieli l-karta li jista jmur jiehu li ghandi...".* Il-karta kienet biex taghmlu prokuratur *"ghalhekk gabar kollox".*[32]

[30] Fol.17-18
[31] Fol.19
[32] Ibid.

Tispjega li qabel ma ghamlet lil Ganni prokuratur kien hemm tnejn minn hutu prokuraturi, Mary Grace Catania u Philip Camilleri li qatt ma ghamlu uzu minnha. Ma kienx hemm htiega li juzaw il-prokura peress li Katerina kellha minn fejn tghix. Tiddikjara li qatt ma awtorizzat lill-imputat Ganni jaghmel uzu mill-prokura *"Le qatt ma ghidtlu. Hu* ***bl-ingann tieghu kull ma hadli****...[il-pensjoni] Kont immur ingibha jien. Ghadni sa llum immur ingibha jien".*[33] Kompliet kif iddecidiet taghmel *recording* biex tipprova li verament kienet taghat il-flus lil Antoinette *"sakemm kienet tidhol taghmilli l-pilloli gewwa, jiena kelli r-recording, kont nifthu u dak li kont nghidilha x'hin tigi kien jirrikordja.".*[34] Meta talbet il-flus lura minghand Ganni *"Qalli imma inti ghandek bzonnhom dawk? Ghidtlu mela ghandi bzonnhom ghax jiena ghalhekk erfajthom. Biex meta jkolli bzonnhom".* Tispicca x-xhieda taghha billi ssemmi li ghandha 91 sena izda *"Jiena mmur ghadni [naghmel il-qadi], sal-bierah stess hrigt u kollox".*[35] Riprodotta tirrakonta kif kienet rrekordjat lil Antoinette Camilleri meta talbitha itiha flusha lura,[36] *"Ghafast l-switch u ha d-diskors".* Il-korla taghha ghall-imputata terga' tfegg meta fil-kors tax-xhieda taghha dwar kif thaddem ir-*recorder* tghid *"Dan mhux diskors zejjed. Hi ma tafx li tajthomlha f'idejha... Ha jdumu jistahbew.... Ghidtilha li dawk li tajtha rridhom".*[37]

Jigi sottolinejat li in lineja mal-prassi adottata minn din il-Qorti fil-kors tal-kontro-ezami minn taghha u sabiex jigi evitat li persuna ta' 96 sena[38]

[33] Fol.20
[34] Fol.21
[35] Fol.22
[36] Fol.180
[37] Fol.181-182
[38] Fol.272

terga' tigi mharrka biex tixhed bhala xhud in difeza, il-Qorti kif preseduta ppermettiet li jsiru domandi li jmorru oltre` dak li kienet xehdet fl-*examination-in-chief.* Dan sar esklussivament biex jigi evitat *secondary victimization* fejn ix-xhud b'kollox tkun ingabet erba darbiet biex taghti id-depozizzjoni taghha.

In kontro-ezami ma taghtix spjegazzjoni minn fejn inxtara l-apparat li ghamlet ir-*recording* bih ghalkemm tghid li *"Xtrajtu jien minn hanut"* biex tirrekordja diski minn fuq ir-radju u minn fuq it-television.[39]Illum l-apparat ma kienx ghadu ghandha.[40] Tispjega li xahrejn qabel (ma xehdet) dahhlet f'*home.* Qabel kienet tghix wahedha ma hutha, Liza u Philippa, izda dawn mietu u mal-lejl kien imur xi hadd jorqod maghha. Tghid li l-prokura li nghatat minnhom lill-imputati saret meta ma kienux f'sensihom ghalkemm saret fil-1998.[41] **Tichad li taghat prokura lil John** *"Le jien <u>qatt ma tajtu</u> prokura dak hu ghamilhom minn rajh".*[42]

Il-qorti tinnota li Pace tixhed f'dan is-sens **minkejja li jirrizulta li l-prokura saret quddiem in-Nutar Mary sive Mariella Mizzi** u meta fl-ittra ufficjali mibghuta ghan-nom taghha issir riferenza cjara li kienet verament **inghatat** din il-prokura.[43] Kuntrarjament ghal dak li xehdet quddiem il-Qorti l-ittra ufficjali ssemmi ***"prokura li kienet giet moghtija lilu precedentement";***[44] kliem riprodott fl-ittra ufficjali mibghuta ghan-

---

[39] Fol.184
[40] Fol.185
[41] Fol.274. Vid **Dok.AG4** a fol. 75
[42] Fol.275
[43] Ittra Ufficjali **Dok.AM3** a fol.36, il-hames paragrafu. Prokura **Dok.AG3** a fol.72-74
[44] **Dok.AM2** a fol. 34

nom taghha ***"prokura moghtija lilu minn Caterina Pace"***[45]**.** Tasal tghid li qabdet u ffirmat karta minghajr ma taf x'kien fiha ghax ***"dahak bija n-Nutar"***.[46]

Tghid li John ma kienx joqghod maghha mal-lejl u Antoinette kienet tbezzaghha li tisfa misruqa. Kien ghalhekk li taghtha l-flus biex tqeghdhom il-bank mal-ohrajn li kellha biex tiehu l-imghax minn fuqhom. L-inkwiet beda meta sar maghruf li Liza halliet kollox lil John. Kienet marret il-bank *"Ghax il-flus t'ohti lili ma hallietli xejn u ghidt ha mmur nara jien il-flus tieghi fejn qeghdin .... jien m'ghandi xejn haduli kollox"*.[47] Dwar it-trasferiment ta' *one fifth* tal-propjeta` taghha lil John tinsisti wkoll li dan sar ***"bi zball, ma kontx naf x'qeghda nghid sewwa*** *ghidt minghalija bhal ma ghidt qabel inkun nista nerga nirranga"*[48] u dan meta ic-certifikat mahrug mill-Psikjatra Dr. Anthony Dimech jikkonferma kemm kienet mara *alert,* konxxja minn dak li qed jigri madwarha, fejn sab *"**no evidence of delusions of persecution**....no delusions of control or thought interference. …... Her cognitions (cognitive function) was not impaired. Her concentration, short term and long term memory were all normal. She was oriented to time, place and person........Conclusion:* ***No evidence of acute or chronic mental illness affecting her mental function."***. [49]

Tinsisti li n-nutar ma kien spjegalha xejn qabel ma ffirmat l-att ta' donazzjoni ghalkemm ma tiftakarx li kienet saret xi pressjoni fuqha biex

---

45 **Dok.AM3** a fol. 36
46 Fol.276
47 Fol.278-279
48 Fol.279
49 **Dok.AD** a. fol.129

taghmel dan l-att![50] Tikkonferma li kien wara li sar maghruf il-kontenut tat-testment ta' Liza li nqala l-inkwiet mal-imputati, tant li lanqas kienu jridu hlas ghal facendi li kienu jaghmlulha. Kienet taghthom kaxxa deheb izda wara talbitilhom lura u din giet ritornata lilha.[51] John kien jaghmel xogholijiet go darha ghalkemm fil-fehma taghha dan sar sabiex jigbidha lejh.[52]

In ri-ezami tammetti li nkwetat fuq it-testment ta' Liza peress li din ma hallietilha xejn meta hi ppretendiet li bhala ohtha *"Kont qed nistenna li thallili xi haga….Jien ippretendejt li thallili xi Haga Liza".* Minflok halliet kollox lil Ganni u lill-familtu.[53] Kellha suspett li Ganni rranga t-testment ta' Liza kif xtaq. Issemmi kif kellha €7,000 il-bank li Antonia qaltilha li kienu ser jingabru biex tkun tista tinghata l-imghaxx fuqhom izda l-imghax baqghu ma wasslux.

Hawnhekk il-Qorti tinnota li biex wiehed seta' jigbor l-imghaxx kollu dovut fuq flejjes depozitati go *fixed term deposit accounts* dawk il-flejjes kellhom jithallew fl-imsemmija kontijiet sad-*date of maturity.* Fil-fatt id-dokumentazzjoni esebita minn Ghigo turi li minn dawn l-kontijiet ingibdu biss il-*principal amounts* minghajr ma thallsu l-imghaxxijiet ghaliex kienu ghadhom ma mmaturawx![54] L-istess dokumentazzjoni turi kif kull darba li l-kontijiet immaturaw u qabel ma regghu bdew jiddekorru, Pace kienet tigbor l-interessi minn fuqhom -*"Interest Payable";*

[50] Fol.281
[51] Fol.286
[52] Fol.289
[53] Fol.290-291
[54] **Dok. AG -AG2**. Fol.315; 322; 326

*"Interest Withdrawn"*.[55] Kif tammetti hi stess ***"Jien bqajt immur ingib l-imghax biss tieghi".***[56] Jirrizulta fil-fatt li tnejn minn dawn il-kontijiet kienu regghu bdew jiddekorru gimghat qabel u cioe` **fid-9 t' April, 2010**[57] **u fit-12 ta' Gunju, 2010**,[58] propju ftit gimghat qabel ma gew maghluqa u l-flejjes trasferiti fil-kont tal-imputati fis**-16 ta'Lulju, 2010!**

Ghalhekk kemm hu minnu li Pace qablet li dawn jingibdu biex jittiehed l-imghax fuqhom meta kien propju ghax il-flus thallew fil-kontijiet rispettivi li kienet tiehu l-imghax fuqhom kif kienet ilha taghmel is-snin?

Dwar it-€30,000 issostni li ghaddiethom lil Antonia ghax kienet tbezzahha li tigi misruqa *"Qaltli issa nohodhomlok il-bank"*. Tikkonferma li baqghet tmur il-bank tigbor l-imghaxx taghha u dan sa xahrejn qabel ma xehdet in kontro-ezami peress li kienet dahhlet go *home*.[59]

**Albert Camilleri,** hu l-imputat, xehed kif fuq perjodu ta' xahrejn kien mar darba f'gimgha l-bank f'Haz-Zebbug biex jaqleb ammont ta' flus minn Maltin ghall-munita Ewro ghal zitu. Kien sarraf b'kemm jiswew €35,000 b'kollox u dan sar f'ammonti ta' bejn €2,500 u €3,000.[60] Il-flus imsarrfa kien itihomla f'idha u hi kienet izzommhom id-dar *"kont naghmilhom go envelope bhal ma jaghtuhomli l-bank bl-ircevuta b'kollox u nghidilha dawn tieghek...[il-bank] Kien jaghtini karta mal-flus u kont naghtiha kollox".*[61]

---

[55] **Dok. AG -AG2** a fol. 307 et seq..
[56] Fol.293
[57] Fol.138
[58] Fol.134
[59] Ibid.
[60] Fol.53-55
[61] Fol.55

Mistoqsi jafx x'gara minn dawn il-flejjes jghid *"Jiena skond ma tghid hi illi tat 30,000 lil hija John Camilleri"*[62] izda ma joffri ebda spjegazzjoni ulterjuri dwar ghal xhiex zitu setghet tahthomlu!!

**Joseph Camilleri**, ukoll hu l-imputat, xehed dwar dak li kien assista ghalih meta ha lill-zitu l-bank HSBC ta' Haz-Zebbug: *"Jiena giet Katerina Pace, kien ghall-ahhar ta' Frar 2011 u qaltli 'hudni sal-bank' u ghidtilha 'iva niehdok.' U dhalna l-bank u kien hemm manager mara u qaltilha 'gejt ghall-flus'.... u l-manager x'hin bdiet taghmel ricerka ghall-flus ma sabet xejn, u l-manager qalet lil Katerina Pace, qaltilha gie certu wiehed John Camilleri, pulizija u gibed il-flus. Qaltilha 'allura ma hallieli xejn?' Jien kont prezenti hemm ghax jiena hadtha liz-zija Katrina hemm hekk u kienet ix-xita ezat ghax il-memorja tieghi tajba. U x'hin qaltilha li gibdilha l-flus, 7000 Euro, qaltilha 'Ma dahlux 30,000 Euro ohra?' Qaltilha 'qas qatt ma dehru hawn hekk dawn it-30,000 Euro.' U z-zija Katerin kienet prezenti u jien kont prezenti. U jekk niftakar sewwa, manager mara kienet..... Jiena x'qaltli l-manager. Kont maz-zija tieghi."*. Dwar zitu jghid li Katerin kienet ta' spiss tmur il-bank, xi drabi tmur wahedha u xi drabi jwassalha hu.[63]

**Il-Psikjatra Dr. Anthony Dimech** xehed li kien ezamina lil Katerina Pace diversi drabi f'Lulju u f'Awwissu, 2011, bl-ahhar vista tkun dik tal-20 ta' Frar, 2014. Jixhed hekk dwar il-funzjoni mentali tal-kwerelanta: ***"ghalkemm Katerina Pace hija mara ta' 92 sena llum, ma sibtilha xejn li jindika li qed tbati minn xi kundizzjoni mentali li teffettwalha l-***

[62] Fol.56
[63] Fol.99-100

***kapacita taghha li tikkoncentra jew taghmel id-decizjonijiet taghha".***[64] Ic-certifikat mahrug minnu fi Frar, 2014, hu ezawrjenti u jaghti stampa tal-istat mentali ta' Pace. Jinghad *"She is still able to live independently, and is able to cook, do the laundry, washes the floors of her home, takes care of her pigeons, dogs, cats rabbits and chickens. She is also does the shopping and goes to church and a local village market on her own. On examination she was, like previously, well preserved. Good eye contact was maintained and a reasonable rapport was established. No abnormal movements were present. Her speech was coherent throughout the interview. There was no evidence of a formal thought disorder and her mood was stable and appropriate, with no pathological; elevation or depression of mood. There was* ***no evidence of delusions of persecution****....no delusions of control or thought interference. She was not hallucinational and there were no abnormalities of perception. Her cognitions (cognitive function) was not impaired. Her concentration, short term and long term memory were all normal. She was oriented to time, place and person........Conclusion: No evidence of acute or chronic mental illness affecting her mental function."*. [65]

Dan ic-cerrtifikat inhareg fl-2014 kwazi erba' snin wara iz-zmien li fih qed jigi allegat li din giet mqarrqa mill-imputati! Mara li kienet tiehu hsieb taghha nfisha, taghmel il-qadi, tmur il-bank issarraf il-pensjoni u tigbed l-imghaxxijiet. Kemm hu minnu li ma ndunatx li ghamlet prokura? Li ghamlet donazzjoni? Li ttiehdulha flejjes? Kollox minn wara daharha?

**John Galea**, *fraud manager* fi hdan l-HSBC, kkonferma informazzjoni li kien baghat lill-pulizija fejn elenka l-isem tal-impjegati tal-bank li kienu

[64] Fol.127
[65] **Dok.AD** a. fol.129

inkarigaw rwiehom mit-transazzjonijiet partikolari maghmula minn fuq il-kont ta' **Katerina Pace** li jirrizulta kienet tmur il-bank ta' sikwiet. L-informazzjoni giet esebita bhala **Dok. JG6**[66] u fiha ssir riferenza ghal *bank statements* li fuqhom jidhru t-transazzjonijiet partikolari esebit bhala **Dok.JG2**.[67] Jixhed *"l-impjegat li attenda dawn it-transazzjonijiet huwa Jason Farrugia. Hawn hekk hawn id-dokumenti li kien qeda lil Katerina Pace dakinhar. Imbghad gejt mitlub min kien normalment jaqdi lil Ms Pace u jien sibt li kien hemm diversi nies biss l-iktar wiehed li kien qdieha kien David Paul Bongailas u infatti ghandi xi dokumenti hawn hekk u l-istess dan l-ahhar inqdiet minghand certu wahda Ms Carmen Pisani. Hawn hekk ghandi d-dokumenti li rrid nesebixxi. Gejt mitlub ukoll fejn s-Sur John Camilleri seta' uza l-power of attorney li kienet mahruga minghand Ms katerina Pace u f'dak id-dokumenti li tajt s-Sur Camilleri kien uza biex ghalaq it-term deposits li kellha, kellha tlieta f'isimha u dawn il-kontijiet gew trasferiti fil-kont ta' John and Antonia Camilleri li qeghdin diga hemm hekk. .... dawn it-term deposits li kienu f'isem Katerina Pace gew awtorizzati minn David Vella, impjegat. Gew maghluqin minn John Camilleri bil-power of attorney li kien hemm u gew awtorizzati mill-impjegat David Vella.*

*Gejt mistoqsi wkoll l-istatements tal-account number 054 100615001 f'isem min kienu u jien rrispondejt li kienu f'isem John and Antonia Camilleri. Gejt mistoqsi wkoll li l-ammont ta' 392.68 Euro li gew migbudin minn John Camilleri jekk kienux migbudin cash jew gew trasferiti u jien rrispondejt li gew migbudin bhala cash u infatti ghandi dokument hawn hekk. Gejt mistoqsi wkoll jekk kienx hemm xi cash deposit f'isem l-account numbers ta' Ilona Camilleri, Kristie Camilleri,*

[66] Fol.164
[67] Fol.141 et seq

*Antonia Camilleri u John Camilleri u sa Awwissu 2010 u Dicembru 2012 u jien rrispondejt li ma kienx hemm.".*[68]

**Kieku Camilleri gibed il-pensjoni u hadha ghlieh ghaliex ma ttrasferihiex ukoll lejn il-kont taghhom flimkien mal-flus li kien hemm fil-kontijiet bankarji?** Dwar dan aktar il-quddiem il-qorti tiskontra korroborazzjoni ta' dak li jixhdu l-imputati!

Imbghad Galea ghadda biex ikkonferma li saru tlett (3) *deposits* fil-kont tal-imputati *"wiehed minnhom kien cekk li rega gie rritornat lura bir-rimarka 'irregularly drawn', gie depositat u gie reversed dakinhar stess. Fit-30 ta' Marzu 2011 gie depositat cheque tal-Bank of Valletta mahrug mill-branch tas-Siggiewi ghal 15,000 Euro. Dan kien datat 25 ta' Marzu u gie depositat fil-kont ta' Mr John and Mrs Antonia Camilleri. Fit-12 ta' April gie depositat cekk iehor tal-Bank of Valletta fl-ammont ta' 26,000 li kien dated 11th April 2011. Hawn hekk ghandi l-kopji tal-istatement u tac-cekkijiet"*[69] **Dawn id-depoziti saru fil-*joint account* tal-imputati numru 054-100615-001.**[70] Jidher ukoll li fis-16 ta' Lulju, 2010 gew depozitati f'dan il-kont it-total tal-*principal amounts* li kienu fil-*Fixed Term Deposit Accounts* ta' Pace.[71]

**Romwald Attard,** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta, wara ricerki li ghamel rigward 2 *bills payables*, wiehed numru 785219 fl-ammont ta' hmistax-il elf ewro (€15,000), u l-iehor bin-numru 785255 fl-ammont ta'

---

[68] Fol.131-132
[69] Fol.132. Kopja tall-istatements u cekkijiet li jissemmew fid-deposizzjoni tieghu esebiti bhala **Dok.JG5** a fol. 156-163
[70] Fol.166
[71] **Dok.JG5** a fol.156

sitta u ghoxrin elf ewro (€26,000), *"mir-ricerka rrizulta li dawn iz-zewg (2) bills payables, gew depozitati l-HSBC, .....Nista wkoll nesebixxi kopja tal-ordering form, fejn jindika li l-**ordering customer kienet Antonia Camilleri taz-zewg (2) bills payables**. Nesebixxi kopja ta' zewg (2) cheque images, kif ukoll tal-ordering forms. "*.[72] Dawn il-*cheques* inhargu fil-25 ta' Marzu, 2011 u fil-11 t'April, 2011, rispettivament.

Baqa' ma giex soddisfacentement ippruvat kontra xhiex inhargu l-*bills payable,* mahruga minn Antonia u cioe` jekk din kellhiex kont f'isimha u nhargu minn hemm jew jekk inhargu wara li pprezentat il-bank bi flus kontanti. **F'liema zmien** giet fil-pussess ta' dawn il-flejjes kollha li in konsiderazzjoni tal-istess kienet kapaci tordna dawn iz-zewgt *bills payable?* Dan jinciedi direttament fuq il-mertu tal-imputazzjoni u senjatament fuq iz-zmien li sehhew il-fatti imputati lill-kopja Camilleri galadarba l-akkuza tirrisali ghal *"Awissu u fix-xhur ta' qabel tas-sena 2010"*.[73]

**Carmen Mangion** impjegata mal-HSBC, Zebbug kkonfermat li Pace kienet ghamlet *withdrawal* mill-kont taghha fil-21 ta' Jannar, 2014.[74]**David Bongailas**, ukoll impjegat mal-istess bank, kkonferma li kien il-kaxxier li ha hsieb numru ta' transazzjonijiet li saru Catherine Pace. Jispjega *"Dawn it-transazzjonijiet saru meta jien kont bhala kaxxier gewwa Haz Zebbug. Kienet giet din il-persuna...Catherine Pace. u giet tigbed mill-kont taghha. it-*

[72] Fol.212 et seq.
[73] Fol.1
[74] Fol.168

*transazzjonijiet ghaddejthom bis-sistema tieghi. Is-sinjura kienet tigi bl-ID card u kont nidentifikaha u jiena kont naqdieha ghal dak li kienet tistaqsini.".*[75]

**Jason Farrugia** wkoll identifika l-user ID tieghu fuq *banking statements* u *transaction slips*.[76] Dan ix-xhud kien risponsabbli mill-gheluq ta' *term deposit account* f'isem Katerina Pace. Il-kont inghalaq minn John Camilleri *"F'kazi bhal dawn ikun hemm bzonn li jkun hemm prokura biex ikun jista' jaghmel transazzjonijiet fuq il-kont li ma jkunx tieghu u f'kaz hekk ghandna mnizzel ukoll fejn il-firma li kien hawn prokura f'isem John Camilleri hawn hekk..... Hawn hekk hawn tliet transazzjonijiet ta' term deposits li huma fixed accounts u hawn transazzjoni ohra fl-istess gurnata li sar transfer minn savings account ta' Katerina pace ghal go current account f'isem J & A Camilleri".*[77] Dawn l-ammonti kienu (i) ta' €2329.37;[78] (ii) €2,239.37[79] u (iii) €2,329.37.[80] Id-dokument li jixhed dak it-trasferiment mill-kont ta Pace ghal dak tal-imputati wkoll hu esebit.[81]

**Il-flus ingibdu mill-imputat fis-16 ta' Lulju, 2010**.[82] Meta ingibdu dawn il-flejjes il-kontijiet kienu ghadhom ma mmaturawx u fil-fatt kif jixhdu d-dokumenti intestati *Term Deposit Full Withdrawal* esebiti minn John Galea, dawn kienu jimmaturaw f' Gunju, 2013, f'Jannar 2012 u f'April, 2011 rispettivament.[83]

---

[75] Fol.171 fejn ix-xhud jaghmel riferenza ghad-**Dok.JG2** a fol.141-152
[76] **Dok.JG2** a fol.141-152 u Dok.JG1 a fol.134-140
[77] Fol.175
[78] Fol.134-135
[79] Fol.136-137
[80] Fol.138-139.
[81] Fol.140
[82] **Dok.JG1** a fol. 134-140
[83] Ibid.

**Audrey Ghigo** in rapprezentanza tal-bank HSBC wara li kkonfermat id-dokumentazzjoni precedentement mibghuta lill-ispettur investigattiv,[84] filwaqt li ghamlet riferenza ghal **Dok.AM5** redatt minnha,[85]xehdet dwar zewg transazzjonijiet partikolari "***It-transazzjoni datata 16 ta' Lulju, wahda withdrawal ta' 6988.11 Euro saret permezz ta' prokura a favur John Camilleri**. **U l-istess transazzjoni datata 16 ta' Lulju 2010 fl-ammont ta' 392.68 Euro saret permezz ta' prokura**... [favur] Xi hadd b'Id card number 448351 (M)".* Dan in-numru tal-karta tal-identita` hu dak tal-imputat John Camilleri kif jixhed l-Att ta' Twelid esebit in atti.[86] Ghigo esebiet il-prokura[87] maghmula mill-kwerelanta favur l-imputat nhar it-30 ta' Novembru, 2006: *"Hawn hekk ghandi kopja ta' general power of attorney datata 30 ta' Novembru 2006 li nghatat minn Catherine Pace a favur ta' John Camilleri ID 448351 (M) u* ***din il-general power of attorney giet revokata fit-18 ta' Lulju 2011****. Kopja ohra ta' prokura generali datat 27 ta' Novembru 1998 li kienet nghatat minn Catherine Pace, Elisa Pace u Josephine Camilleri a favur Albert Philip Camilleri Id 628153 (M). Din ma kinitx ghadha in force ghaliex wiehed milli ta l-prokura kien passed away".*[88] Mid-dokumentazzjoni prezentata jirrizulta li nhar is-16 ta' Lulju, 2010 ingibdu cash €392.68[89] u sar *bank transfer* ghal kont ta Mr J & Mrs A Camilleri;[90]dawn saru minn detentur tal-karta tal-identita` numru *448351M*. **It-transfer sar ghall-kont**

[84] Fol.67. Vide dokumentazzjoni **Dok.AM1** a fol. 32-33 u **Dok.AM5** a fol.40-41
[85] Fol.40-41
[86] Fol.5
[87] Fol. 72 et seq
[88] Fol.68
[89] **Dok.AG1** a fol. 70
[90] **Dok.AG 2** a fol.71

**mizmum f'isem l-imputati** u li gja saret riferenza ghalih mix-xhud John Galea u cioe` dak mizmum mal-HSBC bin-numru **054-100615-001.**[91]

In kontro-ezami tikkonferma li apparti ghall-*withdrawals* li saru mill-imputat, *"nista' ngħid li hemm firma li tinqara Katrina Pace. Però jiena ma nistax nikkonferma li kienet il-persuna…..Il-probabilità hija li marret tagħmel il-withdrawal hija."*[92] Meta jsir *withdrawal* il-bilanc ma jkunx jidher fuq il-*withdrawal slip* ghakemm dik l-informazzjoni tista' tinghata meta wiehed imur mal-*counter*.[93] *Bank statements* jintbghatu fl-indirizz li jkun inghata mill-*account holder* meta jkun fetah il-kont.[94] F'dan il-kaz l-*statements* ghall-*closing of accounts* li kienu fixed intbghatu lill-kwerelanta f'13 Mula Street, Zebbug. In-numri ta' dawn il-kontijiet kienu 044-013670—100; 044-013670-101 u 044-013670-102.[95] Mid-dokumentazzjoni esebita minn Ghigo jirrizulta li minn dawn l-kontijiet ingibdu biss il-*principal amounts* minghajr ma thallsu l-imghaxxijiet peress li l-kontijiet kienu ghadhom ma mmaturawx![96] Il-flus minn dawn il-kontijiet gew trasferiti ghall-kont iehor f'isem Pace bin-numru 044-013670-050.[97] Issa jidher li l-ewwel darba li tpoggew flus f'dawn il-*fixed accounts* dawn kienu fl-ammonti (*principal amount*) ta' elf Lira Maltin fis-snin 1998, 2000 u 2001[98] li mal-konverzjoni ghall-munita ewro, fl-1 ta' Jannar, 2008, saru €2,329.37[99].

---

[91] Ibid. Vide ukoll fol.166
[92] Fol.298
[93] Fol.299
[94] Fol.302
[95] Jikkorispondu ma **Dok.JG1** a fol. 134, 138
[96] Fol.315; 322; 326
[97] **Dok. AG3** a fol. 327; 329; 331
[98] **Dok.AG** a fol.307-311; **AG1** a fol. 316-320; **AG2** a fol. 323-325
[99] Fol.312; 321; 326

Dan il-punt jassumi rilevanza ai fini ta' dak li ser tixhed Antonia Camilleri meta ssemmi li Pace kienet tirreferi ghal dawn il-flejjes bhala tlett elef, l-ammont totali inizjalment depozitat f'munita tal-Lira Maltija (LM) u kien ghalhekk li meta semmietilha it-*"tletin elf"* l-imputata tghid li hasbet li kienet qed tirreferi ghal dawn it-tlett elef; verzjoni li timmilita versu l-probabbli, il-grad ta' prova mistenni mill-imputat.

**Antonia Camilleri** ghazlet li tixhed u bdiet biex tiddeskrivi kif hi u zewgha Ganni (John), in-neputi ta' Pace, kienu ta' sikwiet izuru lil zitu u hutha, Elizabeth (Liza) u Filippa, li kienu jghixu fl-istess dar. Elizabeth (Liza) mietet fl-2010 u Filippa erba snin qabel.[100]Kienet fdata minn Katerin u Elizabeth tant li inkarigawha sabiex issir qasma ta' xi ghelieqi bejn l-ahwa ta' Ganni.[101] Dan sar b'att notarili ghand Dr. Jurgen Galea u Dr. Mariella Mizzi mill-istess ufficju notarili. Kemm hi u zewgha kif ukoll hutu l-ohra gew mitluba minn Katerin u ohtha sabiex jibdew jorqdu maghhom u fil-bidu bdew jorqdu gimgha kull wiehed. Wasal zmien meta hut zewgha ma baqawx imorru u Katerin talbet lil John jibda jorqod maghhom hu; b'kollox ghamlu xi seba snin b'John jorqod maghhom. Bdiet anke tmur hi kuljum biex itiha l-pilloli.[102]Meta John kien jitlaq ghax-xoghol kienet tmur hi izda kien jerga' jmur hu aktar tard biex jiehu hsieb il-bzonnijiet tal-annimali li kienet trabbi. Elizabeth mietet f'Dicembru, 2010, u sa dan iz-zmien ma kien hemm l-ebda problemi ma Katerin. Gara izda li Richard sar jaf li fit-testment taghha Elizabeth halliet l-gran parti

---

[100] Dan jikkoincidi maz-zmien li saret il-prokura gdida minn Pace u cioe` f'Novembru 2006 galadarba dik precedentement maghmula fl-1998 kienet wahda kongunta bejn it-tlett ahwa.
[101] Fol.360-361
[102] Fol.362

tal-wirt taghha lil John. Dan ghaliex kienu bl-intiza li l-qasma tal-propjeta` li saret fl-2007 mill-ahwa Pace kienet bi tpattija talli John u hutu kienu jiehdu hsiebhom.[103]Katerin kienet tghidilha li Richard ma kienx jahmilhom u kien jghawwiha ghalihom.[104] Fl-2010 Katerin taghtha €1,600 maqsuma fi tlett pakketti biex tpattilhom ghall-ispejjez u hi hadithom. Katarin kienet taghmel il-qadi, tohrog tixtri u tmur il-bank wahedha ghalkemm bil-lejl riedet lil John jorqod ghandha u kienet tqabadha taghmillha xi bzonnijiet.[105]

Izzid *"darba minnhom jien kont qeghda hemmekk u qaltli ha ghandi dan l-envelope u qaltli biex taghtih lil John….u qaltli aghtihulu, qaltli jien ilni biex naghtihulu, qaltli imma kull darba jhallih hemmekk u qaltli qed nghidlek hudulu u aghtihulu u mbaghad ghidt mela ha nehodulu u tajtulu jigifieri…..X'hin wasalt id-dar fethu u kien fih tlett kontijiet tal-bank, kienu qishom ta' xi two thousand il-wiehed euros u lil John kienet dejjem tghidlu dawn dawwarhom fuqek ghax jien jekk jien nigi nieqsa ma rridhomx li jehduhom l-ohrajn ghax jien dejjem lilkom qed insib"*. Semmiet ukoll li fl-istess zmien li taghtha l-€1,600 Pace qasmet id-deheb li kellha bejn John u hutu *"qaltli ha nkun qassamtu d-deheb, qaltli dawn aghtihom lit-tfal, huduhom ghat-tfal taghkom jigifieri u kien gabarhom jidhirli John kien gabarhom"*.[106] Fl-*engagement* ta' bintha, Katerin qalet lill-uliedha li dak id-deheb kellu jintlibes fit-tieg taz-zewgt ibniet taghha.[107]

103 Fol.364
104 Fol.363
105 Fol.364
106 Fol.365
107 Fol.366

L-imputata tghaddi biex taghmel dikjarazzjoni li kif intqal issib korroborazzjoni mill-*statements* esebiti minn Audrey Ghigo u cioe` li inizjalment id-depozitu totali fit-tlett *fixed term accounts* kien dak ta' LM3,000.[108] Minn fuq dawn il-kontijiet Pace kienet snin tiehu l-imghax fuqhom. Antonia tixhed li meta fil-kors tar-*recording* Pace tinstema' ssemmi it-*"tletin elf"* hi hasbet li qed tghid ghal dawn it-3,000 fi flus Maltin: ***"lili qatt ma tatni 30 elf ewro. Hi dejjem pero' tirreferi per ezempju ghal dawk it-tlett elef li ghax hi dawk is-sitt elef tal-kontijiet tal-bank hi kienet tghidilhom tlett elef ghax kienu meta poggiethom originarjament kienu tlett elef Maltin allura meta anke kellmitni fuqhom, jien dejjem ghal dawk kont qeghda nirreferi.".***

Tkompli li meta Pace talbithom lura d-deheb dan inghata lura ghax hi lill-uliedha kienet taghtu u dawn iddecidew jaghtuh lura.[109] Maz-zmien ghalkemm baqghet tmur tghinha regolarment ratha tinbidel. Indunat li wara mankanza ta' sentejn beda jerga' jmur Richard ghand Pace u l-istess Pace infurmata li kien jghidilha kontriha u kontra John. Ghadda iktar zmien u qaltilha biex ma tmurx tghinha izjed u hi ndunat li kien gara xi haga peress li qabel kienu *'close'*.[110]

In kontro-ezami tikkonferma kif l-ahwa Camilleri trabbew maz-zijiet taghhom. Fl-2007 Katerina u Elizabeth kienu qasmu l-propjeta` kollha bejn l-ahwa izda d-djar ma kienux inqassmu.[111] Elizabeth halliet lil John Camilleri eredi universali, u kif saret taf b'dan Pace *"Iddarset imma ma, qatt*

---

[108] **Dok.AG** a fol. 307; **Dok. AG1** a fol. 316 u **Dok. AG2** a fol. 323
[109] Fol.366
[110] Fol.367
[111] Fol.372

*ma rajtha rrabbjata, jigifieri jien kont ghadni mmur  u jigifieri xorta dejjem bqajna sew."* Kien meta nfetah it-testment ta' Elizabeth li Katerin marret il-bank. Pace semmietilha ukoll li Liza kienet tbaghti bid-*dementia* meta ghamlet it-testment.[112] Dwar il-*fixed term accounts* tghid dan:

*Xhud: Ghaliex Katarina dejjem kienet tghidlu dawk mur dawwarhom fuq ismek ghax jien jekk nigi nieqsa ma rridhomx jehduhom l-ohrajn u lili kienet tghidli hekk ukoll. …….dejjem kienet tghidilna lilkom qed insib u mhux bhala hlas*

*…….*

*Qorti: Li ridt insaqsi l-ewwel meta ghidt taghtu tlett kontijiet tal-bank, x'jigifieri? Taghtu l-flus ta' go fihom?*

*Xhud: Ghax il-kontijiet mur dawwarhom fuq ismek*

*Qorti: Issa biex idawwarhom, kellu bzonn xi haga ohra?*

*Xhud: **Ghax kienet ghamlitlu l-prokura kienet** u kien ilha li ghamlitilu xi sentejn qabel……U infatti dakinhar kienet ghadha hierga mill-isptar u qaltlu kif tkun hemm mur gibli l-pensjoni ghax is-soltu dejjem hi tmur tigbidha imma dakinhar gibili wkoll.*[113]

Anke hawn il-verzjoni tal-imputata issib korroborazzjoni mill-*bank statement* minn fejn jirrizulta li fl-istess jum l-imputat gibed ukoll il-pensjoni  fl-ammont ta' €392.66[114] Jirrizulta wkoll li filwaqt li fil-kont tal-imputati gew depozitati il-*principal amounts* tal-*fixed term deposit accounts* (€6,988.11), il-pensjoni ta' €392.66 baqghet ma gietx depozitata f'dak il-kont.

---

[112] Fol.374

[113] Fol.375-376

[114] **Dok.JG2** a fol. 141

Antonia tissokta tispjega li dawk il-flus Katerin taghthomlhom ghax kienu jiehdu hsiebha u anke kienu johorgu flus minn buthom ghall-htiegijiet taghha.[115] Katarin kienet tigbor il-pensjoni izda kienet tghidilha li ma tonfoqhiex kollha.[116] Din id-dikjarazzjoni hi kontradittorja ghal dik li ghamlet ftit sekondi qabel fejn sahhqet li peress li l-pensjoni ma kienitx isserviha kienu jhallsu huma ghal xi bzonnijiet taghha, *"Le ha nghidlek ghax iz-zija Elizabetta kienet f'home u hi l-pensjoni ma kinetx isservi u."*.[117] Tixhed li setgha kien il-kaz li kienet twissiha sabiex toqghod attentat mis-serq. Kkonfermat li hi l-vuci taghha li tinstema' fir-*recording* esebit[118] pero` rigward it-€30,000 li Pace tinstema' tghid li ittiehdulha l-imputata tixhed:

*"Jien dejjem qed nifhimha ghat-tlett elef ghax hi dejjem kienet tghidli tlett elef ghax dawk il-flus li kellha l-bank hi originarjament kienu tlett elef allura dejjem kienet tghidli, it-tlett elef, jien ma kontx qeghda wicc imbwicc maghha, hi qeghda titkellem nahseb kienet fejn il-casette u ma nafx x'gara ghax ma naf xejn fuqha din u jien kont qeghda nahsel l-art l-hemm jigifieri hi kienet preparata u jien ma kontx preparata hi x'ser tghidli u hi dejjem ghalihom jigifieri….. sakemm jien qaltli biex ma mmurx izjed u imbaghad bdejt nircievi dawn il-karti u hekk, jiena dejjem ghal dawk it-tlett elef kont u xejn izjed ghax jien fuq dawk ftehmt….. jien dak il-hin ma fhimtiex dawk it-tletin elf, jigifieri jien dejjem it-tlett elef zgur zgur zgur. Qatt ma kien hemm tletin elf."*[119] Tghid li Pace semmietilha it-€30,000 darba wahda biss ghaliex wara qaltilha ma tibqax tmur ghandha. Kienu

[115] Fol.377
[116] Fol.378
[117] Fol.377
[118] Fol.378
[119] Fol.379-380

regghu issemmew minn Pace meta sarilha konfront maghha id-depot, *"qatt ma tatni tletin elf, qatt, qatt ma tatni tletin elf u ghidtha quddiemha stess jigifieri u ghidtilha, ghidtilha tiftakar meta li* ***tatni darba elf u sitt mija u darba tatni l-kontijiet li tajt lil John****.*[120]

Ghalkemm Antonia tibqa ma tispjegax ghaliex fir-*recording* u quddiem il-Qorti[121] issemmi li l-flus setghu jitnizzlu fuq Ganni biss peress li kien hu l-prokuratur ta' Pace, u dan meta fl-istess nifs qed tghid li nghataw lilu b'rigal, l-prosekuzzjoni w il-parte civile ghazlu ma jkomplux jinsistu b'domandi dwar dan. **Jekk dawn il-flus fit-tlett kontijiet bankarji inghataw lilu b'rigal, xi htiega kien hemm li jibqghu fuq isem Ganni fil-vesti tieghu ta' prokuratur? Mhux beneficcjarju taghhom kien?** Forsi li kieku din id-dikjarazzjoni da parti tal-imputata giet skruttinizata aktar b'reqqa, dan kien jixhet dawl dwar jekk verament kienitx qed tifhem li Pace kienet qed tirreferi ghat-LM3,000 jew kif tikkontendi l-abbli proskeuzzjoni ghat-€30,000 li Pace tinsisiti li tatha. **Madanakollu il-prosekuzzjoni xorta tibqalha d-diffikulta` li tipprova li z-zmien meta l-allegata somma ta' €30,000 nghatat lil Antonia. Kien ikun indikativ kieku rrizulta meta l-istess somma giet depozitata fil-kont tal-imputata; prova li kif gja` sar accenn ma ngabitx**!

L-imputat **John Camilleri** ukoll ghazel li jixhed. Beda biex jispejga kif fil-bidu hu, flimkien ma hutu, kienu fethmu li joqrdu gimgha kull wiehed ma l-ahwa Pace, izda wara li hutu ma baqawx imorru, spicca jaghmel 5 snin u nofs jorqod maghhom wahdu filwaqt li martu kienet tnaddfilhom

120 Fol.383-385
121 Fol.380

u ddur bihom.[122] Mietu hut Katerina u beda jdejjaqha Richard tant li kellem lis-Surgent Borg biex jistaqsieh x'ghandha taghmel zitu.[123] Kkonferma l-PIRS report li ttiehdilha meta s-surgent mar id-dar ta' Pace.[124]

Il-Qorti mhux konvinta minn din il-verzjoni. Ma jridx jintnesa li l-imputat ukoll kien surgent u ghalhekk kien jaf ben tajjeb x'passi setghu jittiehdu minn zitu, li kienet tohrog u ghalhekk kieku xtaqet setghet marret di *sua sponte* taghmel rapport hi.

Ikompli li zitu ghamlitu prokuratur b'att quddiem in-nutar. Dwar is-€6,988 *"qaltli ma niflahx, qaltli ghandek ic-cekk tal-pensjoni gibli l-pensjoni, qaltli u dawk il-flus hudhom inti, dawwarhom fuqek, dawk il-flus li ghandi ghax ma rrid inhalli lil hadd xejn izjed.... Tatni l-kotba tal-bank, il-karti, kienu go envelope, kienu ilhom hemm xi gimgha fuq il-mejda,.... kienet tathom lil Antoinette u Antoinette tathomli, qaltli gibilha l-pensjoni...".* Kienet qaltlu qabel dwarhom *"u kien halliet envelope bil-karti tal-bank fuq il-mejda.... Ma kontx tajt kaz, hallejthom hemm.".*[125] Qaltlu li riedet taghtihomlu *"Qaltli ma rrid inhalli lil hadd xejn, halli mbaghad ikunu jafu min hija z-zija Katarin, dak li qaltli, qaltli qatt ma jersqu lil hawn.....Tlett kontijiet".* Xi tlett xhur taghtu dawk il-flejjes taghtu kaxxa *"Qaltli din hudha u aghtiha lit-tfal......kienet mimlija deheb, crieket, barbazzal u cintill, ghax qadet tghidli hi x'kienu".*[126] Fl-2007 *"Iz-zija Liz u z-zija Cathy qabdu lill-mara tieghi biex taghmel, li ghandhom*

---

[122] Fol.390-
[123] Fol.391
[124] Fol.392; Rapport **Dok. JC** a fol. 431
[125] Fol.394
[126] Fol.394-395

*taqsmu f'portions u jaqsmuhomlna.... Zammew one fifth minn xi zewg ghelieqi, wahda zghira ghalqa u mill-post taghhom ghax qalu li min jibqa' jdur maghhom sal-ahhar dawk jehodhom hu.....".*[127] Fil-passat kienu ghamlu donazzjonijiet tal-flus, wahda minnhom fit-30 ta' Novembru, 2001[128] li permezz taghha l-ahwa Camilleri obbligaw rwiehhom li jiehdu hsieb u jaghmlu l-bzonnijiet li jista' jkollhom l-imsemmija ahwa Pace. Sar jaf minghand Katerin u minn martu li zitu *"marret hi wahedha ghand in-Nutara ghand Mariella Mizzi u ghand Jurgen. In-Nutara qalulha biex tkellem tabib u hi qabdet il-mara tieghi imbaghad biex tehodha ghand tabib, wara t-tabib kienet haditha ghand in-Nutara u n-Nutara u hemmekk biddlet it-testment."*[129]Dan sehh lejn l-ahhar xhur tal-2009 ghax kienet ghada hajja Liz li mietet fl-2010. Xi xhur wara li kienet biddlet it-testment qaltlu li trid taghmel donazzjoni biex taqbad u ttieh sehmu[130] u dan ghaliex *"Hasset li b'li qed naghmlu ahna maghha ma ahniex imhallsin, u dejjem weghditni, il-one fifth ghal min dejjem jibqa' maghna sal-ahhar."*[131]. Kellem lin-nutar li talbuh li tigi certifikata minn tabib u hadha ghand Dr. Vella Baldacchino. In-Nutar kien kellimha wkoll *"kont prezenti u n-Nutar kellimha wahedha, hu u Mariella kellmuha wahedha, Jurgen u Mariella, iz-zewg Nutara, imbaghad dahlet u ghamlet id-donation."*. Liz mietet ftit wara.[132]

Dwar dak li sehh fl-ufficju tan-nutara, jixhdu l-istess nutara li jikkoroboraw dak li jixhed John Camilleri.

[127] Fol.396-398
[128] Fol.398; Vide **Dok.JC1** a fol. 432-433
[129] Fol.399
[130] Fol.400
[131] Fol.401
[132] Fol.402

Wara li mietet Liz zitu bdiet tinbiddel. Dan sehh snin wara li kienet ghaddietlu l-flus tal-kontijiet u d-deheb. Qaltlu li huh u Richard hadduha kontra taghha talli ghamlet id-donazzjoni favur tieghu[133] - fatt li tikkonfermah in-Nutar Mizzi meta tixhed kemm zitu kienet inkwetata li jsiru jafu l-ahwa l-ohra li ghamlet donazzjoni lill-imputat. Hu ma baqax imur imma martu baqghet.[134] Jghid dan: *"Lili talbitni l-flus li kienet taghtni tal-bank…. Talbitni l-kaxxa tad-deheb….. Jien ghidt lit-tfal, ghidtilhom iz-zija talbituli d-deheb, heq qaluli aghtihulha, la trid aghtihulha, qaluli b'daqshekk ux, la tridu tridu, aghtihulha, ….Tawuli u tajtulha d-deheb….[il-flus tal-kontijiet bankarji] hassejt li ma ghandix naghtihomlha dawk il-flus wara dak ix-xoghol kollu u wara, … fl-ahhar mill-ahhar hi tathomli bil-buona grazzja taghha u kienet kuntenta u riedet titla' s-sema tant kemm kienet kuntenta, imbaghad ghandi naghtihomlha? Hekk hassejt jien, moralment hekk hassejt jien…. qaltli imbaghad naraw. Qaltli orrajt, issa nara hutek xi jghidu, qalti daqshekk biss qalet."*[135]

Anke fir-*recording* Antonia tinstema' tghidilha lil Pace li hi kienet kuntenta bil-ftehim li kien sar bejniethom u li ma setghetx tifhem ghaliex qed tagixxi hekk maghhom jekk mhux ghax bdiet titghawwa minn haddiehor kontrihom![136]

L-imputat ikkonferma l-istqarrija li kien irrilaxxa fis-16 t'Ottubru, 2012, fejn kien ghamel riferenza ghall-konfront li sehh ma Pace. Dakinhar, kif jerga' xehed quddiem il-Qorti, innega li kien hu li ha lill-zitu tbiddel it-

---

[133] Fol.403-404
[134] Fol.404
[135] Fol.405-406
[136] Fol.193 tergo

testment u li kien prezenti meta dan inbiddel izda jikkonferma li kien prezenti quddiem iz-zewg nutara meta saret id-donazzjoni.[137] Fl-istess stqarrija kien ddikjara li €7,000 hadhom tax-xoghol li kien jaghmillha maghdud mal-fatt li kienet qaltlu li lill-hutu wkoll tathom flus u deheb *"Jien kont tfajthom il-bank"*.[138] Jghid *"hi ghamlitni prokuratur minn jeddha minghajr ma kmandajta jien u qaltli sabiex dawk ingibhom u nohodhom jien ghal familja tieghi ghax jiena lilkhom biss ghandhi kienet tghidli"*.[139] Baqa' joroqod maghha sa' Mejju, 2011, sa meta sab il-bieb maghluq bi stanga. Dwar it-€30,000 li suppost inghata minn Katerin biex jiddepozitahom *"Jiena ma naf xejn b'dawn il-flus"*.[140]

In kontro-ezami jikkonferma li sal-2007 kienu familja unita[141]. Zijietu ghalkemm bla skola ma kienux boloh[142]. Jinnega li r-rapport ghamlu hu izda kien hu li sab is-surgent *"u ghidtlu z-zija trid tkellmek"*.[143] L-inkwiet ma Richard inbeda mal-mewt ta' Liz ghall-ahhar tal-2010 meta irrizulta li halliet kollox lilu.[144]Jichad li ghall-ewwel Katerin haditha bi kbira[145] li halliet kollox lilu izda dan gara wara li hutu dawrulha hsibijietha u bezzawha. Fil-fatt quddiem il-Qorti Katerin tghid ***"Kont qed nistenna li thallili xi haga….Jien ippretendejt li thallili xi haga Liza"***.[146] Jaf bir-rejazzjoni taghha peress li qaltlu li issa li Liza halliet kollox lilu *"qaltli tigix*

---

[137] Fol.407
[138] **Dok.AM7** a fol.49
[139] Fol.48
[140] Fol.50
[141] Fol.411
[142] Fol.409
[143] Fol.415
[144] Fol.416-417
[145] Fol.418
[146] Fol.290-291

*izjed"*. Kien wara l-mewt taz-zija Liza u r-ricerki li saru li hutu saru jafu bil-kwistoni tal-flus u tad-donazzjoni.[147] Meta zitu qaltlu li trid tbiddel it-testment *"Hi qaltli x'bi hsiebha taghmel u jien ghidtilha jekk ghandek pjacir taghmel hekk, ghamel hekk."*.[148]

Dwar il-flus li taghat Pace lill-martu "*Li qalet z-zija Cathy qeghda titfixkel, semmiet tletin elf u qeghda titfixkel ma' li tat lill-mara ghax lill-mara tatha tlett pakketti ta' elf u sitt mija kollha ghaxriet, kienu go envelope ta' tlett pakketti u disa' u disghin fil-mija ghal dawk qeghda tirreferi* Cathy. .......*Cathy qassmet kemm il-darba flus".*[149] Hu kien biddlilha bejn tlett elef u erbat elef flus Maltin li jigu mal-€10,000. Jaf li anke taghat flus lil Philip biex issarafhomlha.[150] Issostni *"Tletin elf ma smajtha qatt jien. Ma qaltliex…Kieku taghtna kont nghidlek taghtna tletin elf imma qatt ma taghthomna."* Filwaqt li jinnega li kien ibezza lill-zitu li tigi misruqa[151] izid li ghalkemm it-tfal kienu lesti jirritornaw id-deheb lura li kienet taghthom zitu hu hass li ma kellux ghalfejn jirritorna l-flus li taghtu.[152]

Xehed il-**Maggur John Borg** kif fil-5 ta' Jannar, 2011, sar rapport minn Katerina Pace "*Din kienet talbitni, qaltli jien ma rrid xejn, kull ma rrid illi tkellimhom biex meta jigu hawn, lanqas li ma rridhomx jigu hawn, meta jigu hawn dawn ma joqghodux jghiduli fuq in-neputi l-iehor ghax ninkwieta….. kienet qed tilmenta kontra n-neputija taghha Marygrace u r-ragel taghha Richard*

[147] Fol.420
[148] Fol.424
[149] Fol.426
[150] Fol.426-427
[151] Fol.427-428
[152] Fol.429

*Catania.".* Dan jikkonferma dak li l-imputati jghidu li kienet tghidilhom Katerin galadarba rraputatu hi stess mal-Maggur. Ix-xhud jispjega li mar ghandha wara li Camilleri qallu li qed issir diskors kontra tieghu u martu u li zitu xtaqet taghmel rapport.[153]Gie esebit il-**Current Incident Report** li kkonfermah.[154]In kontro-ezami jsemmi kif Pace qaltlu *"mhux ma rridhomx jiguni, ghidilhom, kellimhom meta jiguni hawn ma joqghodux jigu joqghodu jghiduli kontra huha u l-mara tieghu. Qaltli jien ma rrid inkecci lil hadd.".*[155].

**In-Nutar Jurgen Galea** xehed li Katerina Pace ghamlet donazzjoni lil John Camilleri fil-5 ta' Lulju, 2010.[156] Esebixxa wkoll certifikat mahrug minn **Dr. J. Vella Baldacchino** fl-istess jum, wara li giet ezaminata *"to assess her testamentary capacity".* Tali ezaminazzjoni ntalbet mill-istess nutar peress *"meta il partijiet ikunu ta certu eta' nitolbu min kejja li ma jkollix dubju dwarhom, once li jkun hemm certu eta, bhal sebghin sena, hamsa u sebghin sena, nitolbu ghas serhan tal mohh tieghi ukoll…..".*[157] In kontro-ezami jikkonferma li la persuna kellha l-kapacita` taghmel testament kellha l-kapacita` taghmel donazzjoni. ***"Sodisfatt bil kapacita mentali taghha minghajr ic certifikat jigifieri ahseb u ara bic certifikat li jiccertifika li tista taghmel testament".***[158] Kienu l-imputati li nkarigawh u hadu hsieb l-atti preparatorji kollha.[159]

---

[153] Fol.436-437
[154] **Dok.JB** a fol.443
[155] Fol.439
[156] **Dok.JG1** a fol.481 et seq
[157] Fol.496-497
[158] Fol.499
[159] Fol.500

**Din ix-xhieda tikkontradixxi il-verzjoni moghtija minn Pace lill-Pulizija u lil din il-Qorti meta tallega li kien l-imputat li ghamel kollox minn wara daharha.** *Multo magis* hija **x-xhieda tan-Nutar Mariella Mizzi li timpingi direttament fuq il-piz li din il-Qorti ghandha taghti lix-xhieda ta' Pace li tenniet li d-donazzjoni saret minghajr ma kienet taf ghal xhiex qed tiffirma**. Kif qalet lill-ispettur *"John Camilleri kien hadha ghand in-Nutar, ma' tafx x'gara u ma' garax, dahluha, ffirmat u telqet il-barra"* [160]; fl-ittra ufficjali jinghad fil-fatt *"Illi l-mittenti qatt ma tat il-kunsens taghha ghall-ghotja u trasferiment ta' sehmha fil-propjetajiet fuq imsemmija, tant li ghal zmien twil lanqas kienet taf bl-ezistenza ta' tali donazzjoni".*[161] Izda anke hawn l-istess Pace tasal tghid ukoll li filwaqt li kienet taf x'ghamlet, hasbet li l-quddiem setghet terga' tbiddel fehmtha; xehdet hekk ukoll dwar l-att ta' donazzjoni *"bi zball, ma kontx naf x'qeghda nghid sewwa ghidt minghalija bhal ma ghidt qabel inkun nista nerga nirranga"*[162] Liema hi l-verzjoni korretta? X'biddlet qabel? It-testment kif isemmi l-imputat?

Jigi sottolinejat li Pace xehdet li anke l-prokura saret *all'd insaputa* taghha, kwsitjoni li l-Qorti gja` kellha okkazzjoni tikkumenta fuqha aktar il-fuq meta wriet li l-ittra ufficjali u l-kwerela fihom nfushom jikkontradixxu tali allegazzjoni peress li jinghad minn Nutar *"I the undersigned Notary Public have duly warned Catherine Pace about the importance and consequences of the same as may be required by law".*[163]

---

[160] Fol.237
[161] Fol.37
[162] Fol.279
[163] **Dok.AM3** a fol.72 et seq. Vide fol. 74

In-Nutar Mizzi tirrakonta kif wara li Pace ghamlet donazzjoni quddiem in-Nutar Galea, marret ghandha u qaltilha li riedet taghmel testment peress li n-neputijiet l-ohrajn riduha thallilhom l-istess propjeta` (li nghatat b'donazzjoni lil Ganni) lilhom: *"Iva bdiet tikbi u qaltli kif ha naghmel, kif ha naghmel qaltli ghax* ***jien ma ghedtilhomx li ghamilt donazzjoni u qaltli u bhal speci ma rridhomx irridu jkunu jafu*** *u kif ha naghmel u hekk u jien ghedtilha hadd ma jista jgghelek taghmel testment u qaltli* ***jien marridx nghidlhom jien*** *u ghedtilha nghidlek x'taghmel ohrog u ghidlhom in nutar qaltli li fis sitwazzjoni ma nistax naghmel testment.".*[164]

Ma kienx il-kaz li hi ma rieditx taghmel id-donazzjoni inizzjali izda *"ghax hemm kien hemm min qallilha biex dik il propjeta thalliha lilhom b testment ….Le* ***mhux ghax iddispjaciha ghax ghamlet id donazzjoni fhimt****, jigifieri hi ma riditx taghmel dawk id disposizzjonijiet …tat-testment…… Fil fatt* ***kienet konfuza kif ha taghmel biex ma tghidilhomx li ghamlet id donazzjoni*** *imma fl istess hin dik kienet is sitwazzjoni taghha…… Din nahseb kienet l ewwel darba [li rajta f'dan l-istat] ghax fil fatt bqajt niftakarha ghax* ***kienet emozjonata hafna ghax bdiet isha qed tibza fimt, ghax bdiet isha qed tghidli kif sa naghmel, kif sa naghmel, marridx nurihom li ghamilt id donazzjoni imma fl istess hin ma riditx tiffaccjhom.*** *…".*[165] Tiftakar li sussegwentement giet avvicinata minn xi whud minn neputijiet taghha li staqsiha jekk saritx xi donazzjoni. Hi ssugeritilhom issir ricerka, din saret u minnha rrizulta li saret donazzjoni.[166]

---

164 Fol.503-504
165 Fol.506-507
166 Fol.508

In kontro-ezami zzid ***"niftakar li bdiet tikbi u bdiet tghidli hemm ma nafx kif ha nghidlhom li diga ghamilt id donazzjoni ….*"**[167]. Tichad kategorikament li Pace kienet inhassdet meta saret taf li kien hemm donazzjoni maghmula minnha *"Le **kienet taf li donazzjoni u qas ghandi l icken dubju dwar hekk, kienet taf li donazzjoni u ma riditx tghid li ghamiltu….. meta Nutar Galea kien ha jaghmel donazzjoni …… jiena mort u nutar kien qieghed hemm jispjegalha il kuntratt kelma b kelma u jiddeskrivilha u jiccekja maghha li l iskrizzjoni hix tajba**….. **kien qieghed jispjegalha u anke imbghad involvejt ruhi fejn hemm kellha bzonn izjed spjegazzjoni ghax ma tafx kif, huma l gheliqi jafuhom anke certu affarijiet tistaqshom lilha u eccetra**[168] **….. Hemm spejgajnielha jien u nutar l iehor qabel ma hadet id donazzjoni**[169]**…..[Galea] kien qieghed jaqralha dan il kuntratt u qed jispjegala x ha jsir kien"***[170]. Konvinta li Pace kienet konxxja li ghamlet donazzjoni *"Ghax meta giet ghandi, ghax meta hi giet ghandi dak kien l inkwiet taghha, **l inkwiet taghha kien li hi ghamlet donazzjoni u biex turi lil ohrajn li ghamilha".***[171] Tinnega li xi darba Pace qaltilha li trid thalli lin-neputijiet sehem indaqs *"Le, il koncern taghha kienet li mhux indaqs….Mhux kwistjoni ta indaqs ghax indaqs kont naghmilhula kienu testment u thallihom indaqs sempilicment li il koncern taghha kienet ghelieqi jew ghalqa …..fuq l-ghelieqi tkellemet".*[172]

Minn din ix-xhieda jigi ppruvat li Katerin kienet **fehmet sew** l-att ta' donazzjoni li kienet ghamlet bil-konsapevolezza pjena u volontarja

[167] Fol.509-510
[168] Fol.509-511
[169] Fol.512
[170] Fol.514
[171] Fol.512
[172] Fol.517

taghha! Altru` milli *"ma spjegali xejn in-nutar"*[173]kif riedet li temmen din il-Qorti! Sahansitra fl-istess kontro-ezami minn taghha Pace tghid li l-prokura saret mill-imputat wahdu, minn wara daharha, fejn in-nutar – li tattribwilu sess maskili - *"taghni karta u jien ma kontx naf x'inhi qalli iffirma u jien iffirmajt ghax ma kontx naf x'inhi, dahak bija n-nutar"*.[174], fatt kontradett mill-fatt li l-prokura saret minn Nutar Mariella Mizzi li fiha jigi dikjarat mill-istess nutar *"I the undersigned Notary Public have duly warned Catherine Pace about the importance and consequences of the same as may be required by law"*.[175]

Il-Qorti ser tghaddi biex taghmel l-osservazzjonijiet taghha fuq ir-rizultanzi processwali.

1. Giet prezentata traskrizzjoni[176] ta' tlett konversazzjonijiet, li Pace kellha ma Antonia u li saret bil-mohbi taghha, li ghaddiet fuq diska lill-Pulizija.[177] Minn ezami ta' dan id-diskors issir riferenza ghal dak li allegatament Pace 'kitbet' lil Ganni tant li Pace tishaq li ghandhom imorru ghand in-nutar *"halli ttini dak li sraqtli"*. Camilleri fil-fatt twiegeb li lilha ma hallitilha xejn, li ma kienet *"imnizzla"* imkien u *"Fuq Ganni qieghed mnizzel hux"*. Dan tammetieh Pace meta tghid *"Ktibt lil Ganni u ktibt lilek mhux xorta wahda"*.

---

173 Fol.281
174 Fol.276
175 **Dok.AM3** a fol.72 et seq. Vide fol. 74
176 **Dok. JC** a fol. 192 et seq.
177 Xhieda Dr. Yanika Camilleri a fol. 190-191

(i) Ghalkemm mhux cjar ghal xhiex qed tirreferi Pace, il-fatt li hawn qed issir riferenza ghal xi kitba jew att notarili, l-Qorti qed tifhem li Pace kienet qed tirreferi ghall-att ta' donazzjoni. Fil-fatt dan kien l-inkwiet taghha li minhabba fih marret u fethet qalbha man-Nutar Mizzi!

(ii) F'mument iehor Pace tirreferi ghat-*"tletin elf f'idejk tajthom ma tajthomx f'idejn Ganni"* u ghal dan id-diskors Antonia twiegeb *"fuq Ganni tnizzlu u ma tnizzlux fuqi"*[178] u *"Inti meta tajtholi ghidtlek mela dawn ghal Ganni ha jkunu....jigifieri jekk huma fuq Ganni fuq Ganni qeghdin"*.[179]

(iii) Hu rilevanti wkoll li ghalkemm Antonia baqghet ma tafx li qed tigi rrekordjata, hi **tibqa tichad** li ttiehed xi haga minnhom kontra l-volonta` ta' Pace. Anzi tipprova tfakkarha li kien hemm ftehim bejniethom u li Pace dahhlet ghal dan il-ftehim kuntenta! Kliem li jinghad minn Ganni meta xehed f'dawn il-proceduri.[180]

Anke jekk il-Qorti kellha ma tistriehx fuq l-ispjegazzjoni li taghti Antonia u cioe` li din fehmet li Pace kienet qed tirreferi ghat-LM3,000 li kienu fil-kontijiet bankarji (u cioe` is-€6,988), u dan in vista li din taghzel li ssemmi li l-flus inghataw lil Ganni fil-vesti tieghu ta' prokuratur *"Tajtomna tajtomna u*

[178] Fol.193
[179] Fol.194 *tergo*
[180] Fol.405

*daqshekk....lili tajthom biex intihom lil Ganni...kif kien miftiehem...mhux Ganni prokuratur ma nistax **inzommhom** jien"*[181] - bla dubbju dikjarazzjoni li ma taghmel l-ebda sens galadarba qed jinghad li dawn inghataw lilu b'kumpens – xorta jibqa' l-fatt li ma giex soddisfacentement ppruvat jekk u f'liema zmien inghatat lilhom din is-somma !

2. Jibqa' l-fatt li l-uniku prova indizzjarja li l-imputati f'xi zmien gew fil-pussess tas-somma riklamata, hi it-trasferiment mill-kont tal-imputata li kellha mal-Valletta Money Fund ghal dak kongunt ma' zewgha ta' zewg depoziti fl-ammont ta' €41,000 li saru f'Ottubru, 2010 u f'April, 2011. L-ispettur xehdet *"Mela dawn it-transazzjoni wara li ergajt iccekkjajt mal-Bank ukoll, il-hamsa u erbghin elf (45,000) kienu ngibdu minn Antonia Camilleri u gew iddepozitati fil-Valletta Money Fund. Wara li gew iddepozitati fil-Valletta Money Fund, fil-hamsa u ghoxrin ta' Ottubru, two thousand ten (25/10/2010), minn naha ta' Antonia, fil-wiehed u ghoxrin ta' Marzu (21/03) [ghalhekk issa qeghdin fis-sena 2011] - ghalqet dan il-Valletta Money Fund. Fil-fatt kienet gabret is-somma ta' hmistax-il elf (15,000) u sitta u ghoxrin elf (26,000) ftit wara. Gibdithom mill-kont tal-BOV u ddepozitathom bhala Bankers draft fil-kont tal-HSBC. Issa, nista nesebixxi wkoll l-istatement li gie riprodott lili minn naha tal-Bank of Valletta. **Li kien hemm f' dan l-istatement, hemm depozitu cash ta' tletin elf (30,000), illi dan sar minn naha ta' Antonia Camilleri pero', sar cash. Imma dan m' ghandniex minn fejn gew il-flus."*** Meta izda sar dan id-depozitu minn Antonia baqa' fatt mhux pruvat.

[181] Fol.196

Kien għal dan il-għan li l-qorti tqis li kellhom jiġu prezentati l-*bank statements* ta' kontijiet tal-imputati reġistrati f'isimhom personalment. Minn dan kellu jiġi pruvat id-data meta, kemm il-darba Antonia daħħlet fil-pussess ta' €30,000 kif jingħad seta' jiġi determinat jekk dawn il-flejjes ġewx depożitati *"f'Awissu u fix-xhur ta' qabel tas-sena 2010"* kif addebitat lilhom fl-att akkużatorju.[182]

Fid-dawl ta' tali provi biss il-Qorti kienet titqiegħed f'pożizzjoni biex tiddetermina jekk fit-totalita` tal-provi indizzjarji miġjuba setgħax tinstab ħtija fl-imputati o meno.

Għalkemm il-Qorti tista' ma temminx il-verżjoni tal-imputati dwar dawn it-€30,000 madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbażat fuq provi konkreti fl-atti li jwasslu sal-konvinciment morali ta' din il-Qorti li tqis li dawn it-€30,000 verament ittieħdu mill-imputati b'qerq kif allegat minn Pace.

3. Il-Qorti hi rinfaċċjata b'verżjonijiet konfliġġenti fejn l-imputati jgħidu li kull ma sar, seħħ bil-konsapevolezza u buona volonta ta' Katerin Pace, u l-verżjoni ta' Pace li tgħid li l-prokura saret minn wara daharha, fl-att ta' donazzjoni n-nutar ma spjegalha xejn u daħak biha (għalkemm lanqas hawn ma hi konsistenti għax kif ingħad issemmi wkoll li kienet taf li qed tagħmel donazzjoni iżda

[182] Fol.1

hasbet li setghet tbiddilha bhal ma jitbiddel testment[183]), u li qatt ma kienet taf li l-*Fixed Term Deposit Accounts* ser jiddawwru ghal fuq Ganni.

4. Gja` l-Qorti kellha okkazzjoni tirrimarka kif l-atti esebiti nfushom bhall-**kwerela u l-ittra ufficjali jikkontradixxu l-allegazzjoni li l-prokura saret *ad insaputa* taghha**. Fuq l-istess prokura maghmula fl-2006 jinghad minn Nutar Mizzi li lil Pace gie spjegat xi tfisser li ssir prokura,[184] dan meta precedentement kien hemm ohra li spiccat mal-mewt ta' Filippa u ghalhekk Pace ma kienitx estraneja ghal dak li tfisser li taghti prokura! Il-kwerela tikkonferma kemm il-prokura saret minnha u **inghatat** lil Ganni *"prokura li kienet giet moghtija lilu precedentement";* kliem riprodott fl-ittra ufficjali mibghuta ghan-nom taghha *"prokura moghtija lilu minn Caterina Pace"* .

5. Dwar kemm verament Pace kienet konxxja minn dak li ghamlet jixhduh il-Maggur *"meta jigu hawn dawn ma joqghodux jghiduli fuq in-neputi l-iehor ghax ninkwieta[185].... meta jiguni hawn ma joqghodux jigu joqghodu jghiduli kontra huha u l-mara tieghu. Qaltli jien ma rrid inkecci lil hadd.".[186].* Hsibijiet li kienu qed jinkwetaw lil Pace u li dwar l-istess thassib esprimiet ruhha ma Mizzi.

6. Tenut kont ta' dawn l-inkonsistenzi fit-testimonjanza ta' Pace, il-Qorti certament ma tistax tistrieh unikament fuqha meta din tichad

[183] *"bi zball, ma kontx naf x'qeghda nghid sewwa ghidt minghalija bhal ma ghidt qabel inkun nista nerga nirranga"* – fol. 279
[184] Fol.74
[185] Fol.437
[186] Fol.439

li qatt kienet taf li John Camilleri kien ttrasferixxa is-€6,988.11c li kien hemm fit-tlett kontijiet bankarji! Izjed u izjed rigward it-€30,000 meta ma tinghata l-ebda indikazzjoni ta' zmien data meta dawn inghataw lil Antonia. Lanqas ma ssemmi Pace, forsi sabiex ma jinholoqx aktar dizgwid bejn l-ahwa, li kienet anke taghat €1,600 lill-imputati!

7. Mix-xhieda tan-Nutar Mizzi rrizulta ampjament ippruvat li Pace mhux qed tghid is-sewwa meta tiddikjara li hi ma kienitx konsapevoli tal-ghemil minn taghha. Tant hu hekk li sal-2014, 8 snin wara li saret il-prokura u 4 snin wara li saret id-donazzjoni, inhareg certifikat minn **Dr. Anthony Dimech** li juri li din ma kienitx xi mara li ma kienitx f'sensiha, inkapaci li tahseb ghaliha nnifisha, fejn qed tigi manipulata: *"**no evidence of delusions of persecution**....no delusions of control or thought interference. ...... **Her cognitions (cognitive function) was not impaired. Her concentration, short term and long term memory were all normal. She was oriented to time, place and person........Conclusion: No evidence of acute or chronic mental illness affecting her mental function."**.* [187]

8. Iktar u iktar jigi kkonfermat kemm kienet kapaci tiehu hsieb hwejjigha meta jitqies li baqghet tiffrekwenta l-bank hi stess, tant li l-unika darba mill-2006 (data meta inghata l-prokura) li Ganni ghamel uzu mill-prokura moghtija lilu kien fl-2010 meta skond hu hekk gie awtorizzat jaghmel minnha. Dan il-fatt fih innifsu hu

[187] **Dok.AD** a. fol.129

indikattiv u jimmilita versu l-verzjoni tal-imputat li hu dawwar l-flus ghal fuqu meta qaltlu jaghmel dan zitu u qatt ma uza l-prokura ghal xi haga ohra.

Wara kollox kienet hi li kienet tmur tigbed l-imghaxxijiet hekk kif kienet hi li kienet tmur issarraf il-pensjoni.[188] Dan jixhdu David Bongailas *"Dawn it-transazzjonijiet saru meta jien kont bhala kaxxier gewwa Haz Zebbug. Kienet giet din il-persuna...Catherine Pace. u giet tigbed mill-kont taghha. it-transazzjonijiet ghaddejthom bis-sistema tieghi. Is-sinjura kienet tigi bl-ID card u kont nidentifikaha u jiena kont naqdieha ghal dak li kienet tistaqsini."*[189] filwaqt li John Galea jixhed *"normalment jaqdi lil Ms Pace u jien sibt li kien hemm diversi nies biss l-iktar wiehed li kien qdieha kien David Paul Bongailas u infatti ghandi xi dokumenti hawn hekk u l-istess dan l-ahhar inqdiet minghand certu wahda Ms Carmen Pisani".*[190]

Possibbli li l-imputat kien ser jiehu riskju jiehu xi flus minn wara daharha meta kien jaf li din minn hin ghall-iehor setghet tmur ticcekkja l-bank, kemm jekk waheda jew ma xi neputi iehor kif fil-fatt gara? Possibbli li hi li kienet tircevi l-*bank statements* u kienet tmur il-bank tigbor il-pensjoni qatt ma vverifikat dwar dawn it-€30,000?

---

[188] Fol.225
[189] Fol.171 fejn ix-xhud jaghmel riferenza ghad-**Dok.JG2** a fol.141-152
[190] Fol.131-132

9. Finalment gie ppruvat li d-donazzjoni saret bil-konsapevolezza pjena taghha, izda aktar rilevanti minn dan dik id-donazzjoni saret biss hdax il-jum qabel ma ngibdu l-flus mill-*Fixed Term Deposit Accounts*. F'dik id-donazzjoni l-imputat inghata art li tiswa €34,000[191]. **Difficli jitwemmen li filwaqt li din irregalatu bi propjeta` b'kemm jiswew €34,000 kellu ghalfejn idawwar ghall-fuqu, bil-mohbi ta' zitu, somma relattivament zghira ta' €6,988.11c u jesponi lilu ghall-proceduri penali bir-riskju li jitlef il-fiducja taghha, fiducja li sa dak iz-zmien kien ovvju li kien ghadu jgawdi!** Dan meta kien konxxju tal-fatt li zitu tiffrekwenta l-bank liberament u appena tistaqsi, kif effettivament gara, kienet ser ssir taf li dawn ingibdu minnu permezz tal-prokura!!

Il-Qorti tasal tikkonkludi li hekk kif Katerin Pace marret ghand in-nutar biex tipprova tregga' lura d-donazzjoni biex ma turihx lin-neputajiet l-ohra li halliet sehma fil-propjeta` lil John, l-allegazzjonijiet minn taghha fil-kors ta' dawn il-proceduri saru bl-istess skop; biex tipprova ssewwi l-ghemil li originarjament kienet kuntenta taghmel izda li wara, ghal ragunijiet ohra, biddlet il-hsieb dwarhom.

Mix-xhieda ta' Pace jirrizulta minghajr dubbju li hassietha urtata ghall-fatt li ohta Liza halliet kollox lill-imputat. Il-qorti hi tal-fehma li anke dan wassal sabiex jibda jberren f'mohha pjan, forsi veru instigat minn terzi kif tikkontendi d-difiza, sabiex tiehu lura dak li

[191] Fol.484.

setghet biex taghmel tajjeb ghal dak li f'ghajnejha kien 'nuqqas' da parti t'ohtha. Kif qalet lill-ispettur Micallef "*Jiena rrid nirranga l-hsara li saret fit-testment ta' Eliza, bit-testment taghha.*".[192]

Ghalhekk mill-atti processwali kemm jista' jinghad li saret xi frodi jew approprijazzjoni indebita mill-imputati?

Fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** l-Qorti bdiet biex taghmel distinzjoni bejn ir-reat ta' serq, ta' frodi u dik tal-approprijazzjoni indebita, bl-ahhar zewg reati jkunu dawk addebitati lill-imputati odjerni:[193]

> Dan ir-reat ta' approprijazzjoni indebita] jiddistingwi ruhu mir-reat ta' serq, ghax l-oggett li jkun, jigi moghti mill-agent volontarjament u mhux jittiehed kontra l-volonta` jew minghajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruhu ukoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent.

Il-Qorti kompliet biex telenka l-elementi tar-reat t' approprijazzjoni indebita:

> Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

---

192 Fol.244
193 Deciza 09.06.1998. Ara wkoll **il-Pulizija vs Keith Arthur Mayho** deciza fl-4 ta' Frar 2013

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs. Avukat Dr. Siegfried Borg Cole LL.D.,** meta l-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet li: [194]

> Filwaqt li ma hemmx dubbju li fil-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita[195], fil-kaz in dizamina jonqos ghal kollox l-element formali tar-reat. F'dan il-kaz ma kienx hemm id-*dolo* rikjest mill-ligi, u cioe` l-intenzjoni ta' l-appellat li japproprja ruhhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra mill-flus li kien qed izomm a nom ta' Gaglione jew ta' Abela. L-appellat la kellu x'xjenza li qed jaghmel xi haga illegali semplicement ghax ittardja li jaghmel il-konteggi mehtiega, u anqas volontarjament ikkonverta ossia dawwar il-flus bl-iskop li jaghmel profit minn dik il-konversjoni. Kif jispjega Luigi Majno (*op. cit.supra*):
>
> **Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il *dolo*. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di element obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate**

---

[194] Deciza 23 ta' Dicembru, 2003; Appell Nru.21/2003 per S.T.O. Prim Imhallef Dr Vincent De Gaetano

[195] "Trattandosi di somme di denaro," jispjega **Luigi Majno**, "l'accertamento della conversione puo` presentare in pratica qualche difficolta`; le negata *restituzione* – anche indipendentemente da una legale costituzione in mora – e` certamente una forma di consumazione; ma la consumazione puo` risalire anche a prima della negata restituzione, ove si pongano in essere tali atti che dimostrino la intenzione di appropriarsi la cosa altrui – come l'impiego della somma in uso proprio o il suo nascondimento a scopo di sottrarla al proprietario." (***Commento al Codice Penale Italiano***, UTET (1922), Vol. IV, para. 1951, pag. 105).

**affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di *violenza*) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il *dole*.**[196]

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Concetta Charles**[197] il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat:

Dwar in-natura tal-misapproprijazzjoni indebita, il-Qorti tal-Appell Kriminali esprimiet ruħha diversi drabi.

Fil-21 ta' Novembru, 1953 fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Giuseppe Cauchi'** il-Qorti kienet qalet hekk:

**Dwar l-elementi in ġenerali**

'Ghad-delitt ta' approprjazzjoni indebita jehtieg li l-hati jkun ghamel mill-haga lilu fdata "konversjoni"; u hemm konversjoni, "inter alia", meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat, u minflok hu jikkonvertiha ghal beneficcju tieghu stess, jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati in bwona fede. Xejn ma jiswa biex ihassar dan ir-reat il-fatt li l-persuna danneggjata tkun hadet proceduri civili biex tigbor flusha; ghax l-azzjoni civili hija indipendenti mill-azzjoni kriminali.'

Fil-każ '**Il-Pulizija vs George Bellizzi**', il-Qorti qalet hekk:

---

196 *op. cit.* para. 1953, pag. 105-106.

197 Appell Kriminali Numru 375/2011 Deciz per Onor. Imhallef Dr. Lawrence Quintano 12 ta' Frar, 2013.

'Id-disposizzjoni nostrana fuq l-approprjazzjoni indebita hi aktar ampja minn dik li tinsab fil-Kodici Kriminali Taljan.

Fil-ligi tagħna anki min jagħmel użu mill-oggetti fdati lilu diversi mill-uzu specifikat mill-persuna li kkonsenjatlu l-oggett u dan l-uzu divers jaghmlu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor, ikun hati ta' dan ir-reat.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Marbeck Cremona** gie deciz:[198]

"Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:
1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula *con l'animo di spostarsi del possesso*, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.
2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.
3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;
4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha *a proprio commodo o vantaggio;*
5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor"

Fil-kaz in dezamina ma jirrizulta minn imkien li ntuza x'ingann fuq Pace. Lanqas ma gie soddisfacentment ippruvat li l-imputati nghataw il-flejjes minn Pace bl-iskop li dawn jergghu jigu ritornati lilha. Kif gja` intqal dwar it-€30,000, il-kaz ma giex soddisfacentement ippruvat. *Multo magis* ghal dak li jirrigwarda €6,988.11c. Anzi rigward dawn l-ahhar flejjes kollox

---

[198] Deciza 15.02.2007 per S.T.O. Prim Imhallef, Dr. Vincent De Gaetano; Appell Numru 87/2007

jindika li wara li Pace ittrasferiet id-dominju fuq is-sehem taghha ta' diversi artijiet b'kemm jiswew €34,000, ghamlet l-istess bis-€6,988.11 li kienu mizmuma go *Fixed Term Deposit Accounts*.

Ghaldaqstant abbazi tal-motivi hawn fuq migjuba, l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputati minn kwalunkwe htija u piena mill-akkuzi fuqhom migjuba.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**